# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 1 ta' Frar 2001**

**Numru**

**Citaz. numru: 1307/96 NA**

**Anna Ellul**

**vs**

**Joseph Ellul**

**Separazzjoni personali - Ingurji gravi - Artikoli 48 u 51 tal-Kodici Civili.**

**Il-Qorti sabet lill-konvenut hati ta' ingurji u theddid gravi kontra l-attrici li wasslu ghall-ksur taz-zwieg ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut li, kontra tieghu, il-Qorti, bid-diskrezzjoni lilha moghtija a tenur ta' l-Artikolu 51 tal-Kodici Civili, applikat kontra tieghu d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 48 ta' l-istess Kodici Civili.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici fit-22 ta' April 1996 fejn ippremettiet:

"Illi l-kontendenti zzewwgu fil-21 ta' April 1989 fil-Knisja ta' Santa Venera;

Illi z-zwieg bejn il-partijiet tfarrak irrimedjabbilment minhabba adulterju, eccessi, mohqrija, theddid w ingurji gravi kommessi mill-konvenut b'mod li l-esponenti giet awtorizzata mis-Sekond'Awla ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex tghaddi ghas-separazzjoni personali minn ma' zewgha u dan ai termini tad-digriet ta' l-istess Qorti Nru. 313/96;

Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal Mandy u Antoine, it-tnejn minuri;

TALBET li din il-Qorti:

1. tordna u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konvenut u l-attrici;

2. tawtorizza lill-attrici li tghix separatament mill-konvenut;

3. takkorda l-kura u kustodja tal-minuri Mandy u Antoine lill-istess attrici b'access fiss u adegwat lill-konvenut fi granet u hinijiet iffissati u taht dawk il-kondizzjonijiet li jissalvagwardaw l-interessi morali u fizici ta' l-istess minuri fl-ahjar interess taghhom;

4. tiddikjara li l-konvenut tilef id-dritt tieghu ghall-alimenti mill-attrici;

5. tikkundanna lill-konvenut li jghaddi retta alimentarja adegwata ghall-attrici, ghaliha u ghal uliedha;

6. tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti jigu assenjati lill-attrici "*in toto*" f'kaz illi jirrizulta illi l-konvenut iddekada mid-dritt tieghu ghal sehem mill-komunjoni jew altrimenti tordna illi l-istess oggetti maqsuma f'zewg porzjonijiet illi jigu assenjati wahda lill-konvenut u l-ohra lill-attrici, billi okkorrendo ghall-finijiet ta' din it-talba, jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta' divizjoni, Nutar sabiex jircievi l-atti relattiv u kuratur biex jirrapprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

7. jigu komminati kontra l-konvenut dawk il-komminazzjonijiet kollha skond il-ligi u li huma applikabbli kontra dak mill-mizzewgin li jirrendi ruhu hati ta' tortijiet kontra l-parti l-ohra fiz-zwieg;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-procedura quddiem l-Onorabbli Sekond'Awla tal-Qorti Civili kontra l-konvenut li minn issa jibqa' ngunt ghas-subizzjoni tieghu."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha w il-lista tax-xhieda.

Rat in-Nota taghha tal-14 ta' Lulju 1996 fejn esebiet id-dokumenti li giet mitluba tesebixxi b'digriet ta' din il-Qorti, diversament presjeduta, tas-26 ta' April 1996.

Il-konvenut, debitament notifikat fit-13 ta' Marzu 1997 baqa' kontumaci peress illi ma ghamilx in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tieghu skond il-ligi. Fis-seduta tat-28 ta' April 1997 talab, tramite d-difensur tieghu, li jaghmel rikors biex jiggustifika l-kontumaci tieghu. Il-kawza giet differita ghall-10 ta' Gunju 1997 ghal dan l-iskop pero' r-rikors ma sarx. Dan nonostante l-Qorti nnominat lill-Assistenta Gudizzjarja Dottoressa Joselle Galea biex tigbor il-provi li giet sostitwita l-ewwel bl-Assistent Gudizzjarju Dottor Keith Bonnici u finalment bl-Assistenta Gudizzjarja Dottoressa Monica Borg Galea. (Ara verbali tal-14 ta' Otubru 1997 u 19 ta' Jannar 1998).

L-Assistenta Gudizzjarja zammet seduta fis-27 ta' Marzu 1998 fejn xehdet l-attrici. Tirrakkonta storja ta' swat kontinwu fiz-zwieg minghajr li kien hemm ebda raguni ghalih li wassluha biex finalment titlaq mid-dar konjugali u tmur tghix ma' ommha fejn kienet qed tghix mat-tfal minuri meta xehdet u dan wara li ghamlet xi tlett xhur tabita god-dar "Merhba Bik". Skond hija d-dar konjugali kienet giet maqbuda mill-Bank fuq ordni

tal-Qorti kif kienu gew maqbuda diversi oggetti ohra mid-dar konjugali minn kredituri ohra peress illi zewgha kellu hafna dejn.

L-attrici regghet xehdet fis-seduta tas-6 ta' April 1999 wara li kienu gew appuntati seduti ohra inutili u wara li dawn gew sospizi temporanjament peress illi l-Assistenta Gudizzjarja kienet giet infurmata li kien hemm possibbilita' ta' separazzjoni bonarja (ara seduta tad-29 ta' Ottubru 1998). Terga' tirrepeti dwar l-incidenti ta' swat u ta' ingjuri gravi ohra maghmulha lilha minn zewgha. Tallega wkoll li hu kien infidil lejha. Huwa qatt ma taha alimenti, la ghaliha u lanqas ghat-tfal. Hija ma kenitx tahdem pero', skond hi, zewgha kien jahdem. Fir-rigward tat-tfal tallega li zewgha kien ilu xi sentejn ma juri nteress biex jarahom.

Fis-seduti tas-7 u 28 ta' Mejju 1999 xehdet omm l-attrici Rosina Vella. Ix-xhieda taghha hija wkoll ibbazata fuq is-swat u theddid iehor tal-konvenut fil-konfront ta' bintha anke fil-presenza taghha. Fis-seduta tat-28 ta' Mejju 1999 regghet ukoll xehdet l-attrici li esebiet certifikat ta' certu Dottor Joseph Camilleri u dana fir-rigward ta' incident wiehed fejn zewgha kien ikkagunalha feriti ta' natura pjuttost serji. Effettivament id-Dentist Dottor Joseph Camilleri xehed fis-seduta tas-17 ta' Frar 2000 quddiem l-Assistenta Gudizzjarja w ikkonferma c-certifikat esebit mill-attrici w il-gravita' ta' l-*injury* li kienet garrbet il-pazjenta tieghu.

Fis-seduta tat-12 ta' Gunju 2000 l-attrici, tramite d-difensur taghha, informat lill-Qorti li l-provi kienu ngabru w il-kawza thalliet ghas-sentenza in difett ta' ostakolu u peress li ma jirrizulta ebda ostakolu din is-sentenza sejra tinghata llum.

Ikkunsidrat:-

Illi hlief fir-rigward tas-swat u tat-theddid kontinwu tal-konvenut kontra martu l-provi mressqa huma skarsi. F'dan ir-rigward il-Qorti, u dan apparti mill-kontumaci tal-konvenut, ma ghandhiex dubbju biex tasal ghall-konkluzzjoni mill-provi ta' ragel aggressiv u vjolenti li permezz ta' din l-attitudini kundabbli tieghu wassal biex dan iz-zwieg jigi rez insopportabbli ghall-attrici u ghat-tfal naxxenti minn dan iz-zwieg.

Dan apparti pero' l-allegazzjoni dwar adulterju hija biss allegazzjoni li ma gietx sostanzjata kif ma gietx sostanzjata l-allegazzjoni l-ohra ta' l-attrici li fil-prezent zewgha kien qieghed jahdem.

Fir-rigward tat-tfal minuri, anke skond ix-xhieda ta' l-istess attrici, ma jidhirx illi dawn effettivament gew mahqura minn missierhom. Mill-banda l-ohra lanqas ma jidher li dan ghandu xi nteress qawwi biex jarahom, infatti ilu ma jarahom ghal madwar sentejn.

Ukoll fir-rigward tal-komunjoni ta' l-akkwisti ma ngabux provi sufficjenti biex it-talba attrici tkun tista' tigi milqugha minkejja illi l-Qorti tifhem *reading between the lines* illi l-konsistenza ta' din il-komunjoni giet kwazi fix-xejn in vista tal-fatt li d-dar konjugali nqabdet mill-Bank u diversi oggetti ohra minn kredituri ohra tal-konvenut.

Finalment pero' is-serjeta' u l-entita' ta' dak li ghamel il-konvenut fil-konfront ta' martu jwasslu lill-Qorti tuza d-diskrezzjoni taghha a tenur ta' l-Artikolu 51 tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u tapplika fir-rigward tieghu s-sanzjonijiet ta' l-Artikolu 48 ta' l-istess Kodici.

Ghal dawn ir-ragunijiet din il-kawza hija deciza billi l-Qorti:

1. tilqa' l-ewwel talba u tordna u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konvenut u l-attrici;

2. tilqa' t-tieni talba u tawtorizza lill-attrici li tghix separatament mill-konvenut;

3. tilqa' t-tielet talba u takkorda l-kura u kustodja tal-minuri Mandy u Antoine lill-istess attrici filwaqt li tirrizerva li tipprovdi dwar access favur il-konvenut f'kaz li tigi mitluba biex hekk taghmel;

4. tilqa' r-raba' talba u tiddikjara li l-konvenut tilef id-dritt tieghu ghall-alimenti mill-attrici;

5. ghar-ragunijiet fuq moghtija tastieni milli tiehu konjizzjoni tal-hames talba minghajr pregudizzju ghad-drittijiet futuri ta' l-attrici f'dan ir-rigward;

6. ukoll ghar-ragunijiet fuq moghtija tastieni wkoll milli tiehu konjizzjoni tas-sitt talba hlief li tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti;

7. tilqa' s-seba' talba u tordna li l-konvenut ghandu jitlef, fejn applikabbli, dak imsemmi fl-Artikolu 48 tal-Kodici Civili.

L-ispejjes tal-kawza, fuq il-meritu u fil-kontumaci tal-konvenut, ghandhom kollha jithallsu minnu.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.